# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2019**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 20/2015/1**

**Numru 1**

**Jesmond Camilleri**

***v.***

**Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-Kummissarju tal-Pulizija minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali fis-6 ta' Ġunju 2018 li sabet ksur tad-dritt fondamentali tal-attur għall-ħajja tal-familja mħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni Ewropea") meta l-konvenut naqas milli jinvolvi lil *Interpol* u / jew lil *Europol* fit-tfittxija ta' mart u bint l-attur minkejja li

kien espressament mitlub ifittex li jikseb l-għajnuna tagħhom. Bħala rimedju għall-imsemmi ksur l-ewwel qorti ordnat lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000).

*2.* Safejn relevanti għall-għanijiet tal-appell, il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Illi fit-2 ta' Lulju, 2006, ir-rikorrenti kien intavola rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi, li meta kien irritorna lura d-dar wara x-xogħol sab lil martu Daphne u lil binthom Jessica, neqsin;
>
> »Illi sussegwentement, il-pulizija fetħu investigazzjoni rigwardanti persuni neqsin;
>
> »Illi mill-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija dakinhar stess tar-rapport irriżulta li mart u bint ir-rikorrenti kienu telqu minn Malta;
>
> »Illi tenut kont ta' dan ir-riżultat, il-pulizija tal-għassa ikkonċernata fuq riferita ingħataw struzzjonijiet biex jikkuntattjaw lir-rikorrenti u jinfurmawh bl-iżvilupp;
>
> »Illi *stante* li l-persuni rappurtati neqsa kienu nstabu, il-pulizija għalqet ir-rapport *de quo*;
>
> »Illi f'dan il-punt jirriżulta biss li: i. ir-rikorrenti kien infurmat li bintu u martu instabu, ("*accounted for*") iżda ii. ħadd ma informa lir-rikorrenti li martu u bintu kienu siefru b'titjira lejn Londra;
>
> »Illi r-rikorrenti ma ngħata l-ebda informazzjoni mill-pulizija fir-rigward *stante* li meta jkun hemm minuri involuti ma jagħtux informazzjoni jekk ma jkunx hemm il-kunsens preventiv tal-persuna kkonċernata;
>
> »Illi wara li kien informat biss bis-suespost, ir-rikorrenti intavola proċeduri legali biex jikseb is-separazzjoni personali minn ma' martu;
>
> »Illi kien biss indirettament f'dawn il-proċeduri li r-rikorrenti sar jaf li martu u bintu kienu effettivament siefru minn Malta b'titjira lejn Londra, meta permezz ta' nota datata is-17 ta' Lulju, 2016 il-kummissarju intimat ippreżenta din l-informazzjoni fl-atti tas-separazzjoni *de quo*;
>
> »Illi jirriżulta li l-Awtorità Ċentrali lokali imwaqqaf bis-saħħa tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u tal-Kap 410, Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, ipprovat tikkomunika ma' ċentri simili fl-Ewropa, iżda inutilment;
>
> »Illi sussegwentement, wara li r-rikorrenti kien informa lill-istess Awtorità Ċentrali li bintu setgħet kienet l-Ingilterra, din irravvivat l-applikazzjoni oriġinali;
>
> »Illi wara li rċeviet ir-riżultat tar-riċerki kondotti mill-Awtorità Ċentrali Ingliża, infurmat lir-rikorrenti li, minn tfittxijiet li saru, kemm martu kif ukoll bintu, ma nstabux, u konsegwentement, il-każ kien għalhekk ser jingħalaq;
>
> »Illi konfrontat b'din is-sitwazzjoni ta' stall r-rikorrenti talab lill-intimat permezz t'ittra datata s-16 t'Ottubru 2007 biex jissolleċita l-għajnuna

tal-*Interpol* u tal-*Europol*, għalkemm mill-atti ma jirriżultax li ttieħdu xi passi fir-rigward;

»Illi jirriżulta wkoll li r-rikorrenti anke ssoleċita l-għajnuna diplomatika mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, għalkemm, ukoll, mill-atti ma jirriżultax li ttieħdu xi passi fir-rigward;

»Illi daparti tiegħu l-intimat jiċħad li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif mir-rikorrenti.«

3. L-attur għalhekk fetaħ il-kawża tallum u (fost talbiet oħra li ma humiex relevanti għal dan l-appell) talab illi l-qorti:

»... tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa u meħtieġa, u tiddikjara li d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ġew vjolati, kif fuq spjegat u kif ser jiġi espost aħjar tul is-smiegħ ta' din il-kawża, u konsegwentement tordna ukoll il-ħlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrenti.«

4. Il-Kummissarju tal-Pulizija ressaq dawn l-eċċezzjonijiet (fost oħrajn li ma humiex relevanti għall-għanijiet tal-appell)

»1. illi fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jallega li sofra leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikoli 32(*ċ*), 36(1) u 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikoli 3, 5(1) u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Talab ukoll kumpens għal tali leżjoni.

»2. illi l-esponent jeċċepixxi li l-allegazzjonijiet u t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati aktar 'l isfel mingħajr preġudizzju għal xulxin.

»3. illi fl-ewwel lok, filwaqt li l-esponent jikkonferma mir-rekords tiegħu illi fit-2 ta' Jannar 2006 ir-rikorrent kien għamel rapport ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Ħal Qormi li martu u bintu kienu jinsabu nieqsa mid-dar matrimonjali, jirrileva li uffiċjali tal-pulizija kienu immedjatament investigaw dan ir-rapport tant li fi ftit sigħat irnexxielhom jinfurmaw lill-istess rikorrent li martu u bintu kienu *accounted for*.

»… … …

»7. illi l-esponent jeċċepixxi ulterjorment illi huwa dejjem qeda fedelment id-dmirijiet tiegħu fil-parametri tal-provvedimenti tal-liġi kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u ma wettaq għalhekk ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrent.

»… … …

»10. Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponent jissottometti illi t-talbet kif dedotti fir-rikors promotur m'għandhomx jiġu akkolti minn dina l-qorti u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… *in vista* tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprova t-talbiet tiegħu limitatament kif fuq spjegat, u konsegwentement:

»1. tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrenti bl-eċċezzjoni tat-talba numru ħdax (11);

»2. … … …;

»3. tirrespinġi s-seba' (7) risposta tal-intimat;

»4. takkolji l-ħdax-il talba (11) tar-rikorrenti;

»5. tiddikjara għalhekk li d-dritt tar-rikorrenti sanċit mill-artiklu 8 tal-Konvenzjoni ġie leż minn nuqqas tal-intimat li josserva l-"obbligazzjoni pożittiva" tiegħu fir-rigward;

»6. tordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex iħallas l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) lir-rikorrenti Jesmond Camilleri bħala kumpens għall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu riskontrat;

»7. bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-intimat fuq ġia' indikat.«

6. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, safejn rilevanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»E. Allegazzjoni tar-rikorrenti rigwardanti l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni:

»Illi l-artiklu in diżamina f'dan il-Kap jistipula s-segwenti:

»"1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu;

»"2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħadd-ieħor";

»Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), fl-ismijiet Michael Caruana *et v.* L-Avukat Ġenerali *et*, datata l-14 t'Awwissu 2012, li irrikonoxxiet li f'materja ta' rimozzjoni jew ritenzjoni illeċita ta' minuri, bħall hu l-każ in diżamina, l-obbligi taħt l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni jridu jiġu interpretati u applikati fil-qafas tal-obbligi internazzjonali fir-rigward ta' sekwestru ta' minuri li jinkludu obbligi u drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal (minn issa 'l quddiem Konvenzjoni tal-Aja);

»Illi l-artiklu 11 tal-Konvenzjoni imsemmija fil-paragrafu preċedenti jistipula s-segwenti:

»“The judicial or administrative authorities of Contracting States shall act expeditiously in proceedings for the return of children;

»“If the judicial or administrative authority concerned has not reached a decision within six weeks from the date of commencement of the proceedings, the applicant or the Central Authority of the requested State, on its own initiative or if asked by the Central Authority of the requesting State, shall have the right to request a statement of the reasons for the delay. If a reply is received by the Central Authority of the requested State, that Authoruty shall transmit the reply to the Central Authority of the requesting State, or to the applicant, as the case may be”;

»43. Illi fis-sentenza tal-Qorti ta’ Strasburgu fl-ismijiet <u>Neulinger and Shuruk *v.* Switzerland</u> datata s-6 ta’ Lulju, 2010, kien ritenut is-segwenti:

»“132. In matters of international child abduction, the obligations that Article 8 imposes on the Contracting States must therefore be interpreted taking into account, in particular, the Hague Convention on the Civil Aspects of International Child Abduction of 25 October 1980 (see Iglesias Gil and A.U.I. v. Spain, no. 55673/00, para 51, ECHR 2003 – V, and the Convention on the Rights of the Child of 20 November 1989 (see Maire, cited above, para 72). The Court has, for example, espoused the provisions of the Hague Convention on a number of occasions, in particular Article 11 when examining whether the judicial or administrative authorities, on receiving an application for the return of a child, had acted expeditiously and diligently, as any inaction lasting more than six weeks could give rise to a request for a statement of reasons for the delay ...”;

»Ikkunsidrat;

»Illi apparti s-suespost, jiġi sottolineat li fil-protezzjoni tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni l-istat għandu dik li ġiet speċifikament imsejħa obbligazzjoni pożittiva, senjatament l-obbligu li l-istat għandu li jiżgura t-tgawdija tad-dritt fundamentali in diżamina;

»Illi għalhekk l-eżami li hawn irid isir mhux dak biex jiġi stabbilit jekk l-istat ivvjolax jew le d-dritt fundamentali tar-rikorrenti, iżda l-eżami li jrid isir hu dak biex jiġi stabbilit jekk l-istat attwalment żgurax li d-dritt fundamentali in diżamina tgawdiex mir-rikorrenti;

»Illi ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti ta’ Strasburgu fl-ismijiet <u>Case of Rees *v.* The United Kingdom</u>, datata s-17 t’Ottubru, 1986, li irriteniet fir-rigward is-segwenti:

»“35. The Court has already held on a number of occasions that, although the essential object of Article 8 (art. 8) is to protect the individual against arbitrary interference by the public authorities, there may in addition be positive obligations inherent in an effective respect for private life, albeit subject to the State’s margin of appreciation”;

»Illi l-istess qorti indikata fil-paragrafu preċedenti, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet <u>Case of Iglesias Gil and U.U.2. *v.* Spain</u>, datata d-29 t’April, 2003, irriteniet is-segwenti:

»“48. It must accordingly determine whether there has been a breach of the right of the first applicant and her son to respect for

> their family life. The court reiterates that, although the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by public authorities, there are in addition positive obligations inherent in an effective "respect" for family life. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (see Keegan v. Ireland judgment of 26 May 1994, Series A no. 290, p. 19, para 49)";

»Ikkunsidrat:

»Illi f'dan il-kuntest jibda biex jiġi sottolineat li r-relazzjoni tar-rikorrenti ma' bintu effettivament taqa' fit-tifsira ta' "ħajja tal-familja" *ai termini* tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni u dan *stante* li hu kellu l-kura u l-kustodja tagħha kif lilhu mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz tas-sentenza datata s-27 ta' Ġunju 2008;

»Illi in konsegwenza tal-istess allura japplika l-artiklu 8 *de quo*, u għalhekk jiġi wkoll sottolineat li l-istess artiklu għandu jiġi interpretat fil-kuntest tal-obbligi internazzjonali kif delineati mill-Konvenzjoni tal-Aja fuq riferita;

»Ikkunsidrat:

»Illi, għalhekk, l-analisi issa inkombenti fuq din il-qorti hu dak naxxenti mid-dover fuqha impost li teżamina jekk l-intimat kienx karenti fl-"obbligazzjoni pożittiva" fuq indikata favur ir-rikorrenti;

»Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti sab l-appoġġ segwenti:

»1. tal-uffiċjali tal-pulizija li mill-ewwel investigaw ir-rapport oriġinali tiegħu tat-2 ta' Lulju, 2006, u sabu li mart u bint ir-rikorrenti kienu ħarbu minn Malta;

»2. tal-Awtorità Ċentrali ta' Malta u tal-Ingilterra, u dan *ai termini* tal-artikli 6 u 7 tal-Konvenzjoni tal-Aja – għalkemm l-informazzjoni mogħtija minn dik Ingliża kienet fis-sens li mart u bint ir-rikorrenti ma nstabux;

»Ikkunsidrat:

»Illi minn barra li r-rikorrenti rrikorra għall-għajnuna tal-Pulizija ta' Malta u għal dik tal-Awtorità Ċentrali lokali li involviet li dik estera kkonċernata, jirriżulta wkoll li fis-16 t'Ottubru 2007 u fis-17 t'Ottubru 2008 ir-rikorrenti talab ukoll l-intervent tal-*Interpol* u tal-*Europol*;

»Illi f'dan ir-rigward issir referenza għall-artiklu 29 tal-Konvenzjoni ta' l-Aja li jistipula s-segwenti:

> »"This Convention shall not preclude any person, institution or body who claims that there has been a breach of custody or access rights within the meaning of Article 3 or 21 from applying directly to the judicial or administrative authorities of a Contracting State, whether or not under the provisions of this Convention";

»Illi għalkemm il-pulizija lokali intalbet titlob l-assistenza tal-*Interpol* u tal-*Europol*, jirriżulta li din l-assistenza ma ntalbitx;

»Illi *di più* jirriżulta wkoll li ma ngħatat l-ebda raġuni għal dan in-nuqqas, u dan la lir-rikorrenti u lanqas lill-qorti;

»Illi konsegwenza ta’ din il-mankanza ta’ sejħa għall-koperazzjoni internazzjonali kif mitluba mir-rikorrenti, għandu jkun paċifiku li l-intimat allura naqas minn dan l-“obbligu pożittiv” naxxenti mill-artiklu 8 tal-Konvenzjoni kif fuq delineat;

»Illi fil-fatt, minn analiżi tal-korrispondenza mgħoddija fir-rigward mir-rikorrenti lill-intimat, rispettivament datati s-16 t’Ottubru 2007 u s-17 t’Ottubru 2008, jirriżulta li l-intimat lanqas jindenja ruħhu li jirrispondi lir-rikorrenti fir-rigward;

»Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li n-nuqqas tal-intimat li jinvolvi lill-*Interpol* u / jew lill-*Europol* fit-tfittxija ta’ mart u bint ir-rikorrenti jikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għall-ħajja tal-familja *stante* li dan hu ekwivalenti għal nuqqas daparti tal-intimat milli jieħu dawk il-“miżuri pożittivi” li hu kien obbligat jieħu biex jittutela u jiżgura dan id-dritt tar-rikorrenti kif sanċit fl-artiklu 8 in diżamina;

»Illi terġa’ ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti ta’ Strasburgu fl-ismijiet <u>Neulinger and Shuruk *v.* Switzerland</u>, fejn irriferiet għas-sentenza <u>Maumonsseau and Washington</u> f’dan ir-rigward tal-obbligu tal-istat taħt l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni, li qalet is-segwenti:

> »“As to the State’s obligation to take positive measures, article 8 includes the right of a parent … to the taking of measures with a view to his or her being reunited with his or her child and an obligation on the national authorities to take such action”;

»Ikkunsidrat:

»Illi *in linea* ma’ dan l-insejament, tikkonkludi li l-intimat naqas fl-“obbligazzjoni posittiva” tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti li *nonostante* li kien espressament mitlub jissoleċita l-għajnuna tal-*Interpol* u tal-*Europol*, naqas li jieħu dawk il-miżuri pożittivi neċessarji biex jagħmel dan, u konsegwentement allura naqas li jagħmel dak kollu li seta’ jagħmel biex bint ir-rikorrenti mhux biss tinstab iżda tinġieb lura lir-rikorrenti li kellu r-responsabbilità tal-kura u l-kustodja tagħha;

»Illi *in vista* tal-premess, it-talba tar-rikorrenti għas-sejbien ta’ vjolazz-joni tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni fil-konfront tiegħu kif espressa fil-11-il talba tiegħu fir-rikors promotur, għandha tiġi akkolta;

»Illi konsegwentement is-seba’ (7) risposta tal-intimat għandha tiġi respinta;

»Ikkunsidrat

»Illi, fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti għall-kumpens xieraq, … … … wara li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-każ in diżamina u d-dritt fundamentali taħt l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni li fil-fehma tagħha ġie leż lir-rikorrenti kif fuq spjegat, hi tal-fehma li r-rikorrenti għandu jiġi kkumpensat fl-ammont ta’ ħmistax-il elf euro, (€15,000.00);«

7. Il-Kummissarju tal-Pulizija appella b’rikors tas-26 ta’ Ġunju 2018 li għalih l-attur wieġeb fil-15 ta’ Ottubru 2018.

8. L-ewwel aggravju jolqot is-sejbien ta' ksur tal-jedd imħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni u ġie mfisser hekk:

> »Illi l-appellant jirrileva li għalkemm m'hemm l-ebda dubju li hemm obbligazzjoni pożittiva fuq stat sabiex jieħu miżuri li jissalvagwardjaw id-drittijiet imsemmija fil-Konvenzjoni Ewropea, dan m'għandux ifisser li l-pulizija huma obbligati li jinvolvu bilfors lill-*Europol* u l-*Interpol* fl-investigazzjonijiet tagħhom u jekk ma jagħmlux hekk ikun hemm leżjoni tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> »L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid is-segwenti:
>
> »… … …
>
> »Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Diċembru 2007 fil-kawża Dickson *v.* UK il-Qorti Ewropea qalet hekk – "*The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities*". Għalhekk l-indħil mill-awtorità pubblika għandu jkun fil-każi speċifikament kontemplati fit-tieni paragrafu tal-art. 8 (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-24 ta' Settembru 2007 fil-kawża Tysiac *v.* Poland). Fil-kuntest tal-art. 8 dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk tkunx teżisti ħajja familjari li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx ġustifikata (ara Raid Mabruk El Masri *v.* L-Onorevoli Prim Ministru *et* – PAK/GV – 4 ta' Ottubru 2004).
>
> »L-esponent ser jagħmel issa referenza għal x'tgħid il-ġurisprudenza Ewropea dwar il-"*positive obligations*" li l-istat għandu biex iħares l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> »Fil-pubblikazzjoni ta' Dr J. Viljanen – *State Obligations to Protect the Right to Respect for Private Life under Article 8 of the ECHR and the Challenge of the Internet* – jingħad:
>
>> »"Regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole and the margin of appreciation is also used in both contexts (positive and negative obligations), meaning that the State enjoys discretion in determining how to ensure compliance with the Convention.
>>
>> »"In the case of a positive obligation, the Court considers whether the importance of the interest at stake requires the imposition of the positive obligation sought by the applicant. Certain factors have been considered relevant for the assessment of the content of positive obligations on States. Some of them relate to the applicant. They concern the importance of the interests at stake and whether "fundamental values" or "essential aspects" of private life are in issue or the impact on an applicant of a discordance between the social reality and the law, the coherence of the administration and legal practices within the domestic system being regarded as an important factor in the assessment carried out under Article 8. Other factors relate to the impact of the alleged positive obligation at stake on the State concerned. The question is whether the alleged obligation is narrow and precise or broad and indeterminate (Hamalainen *v*. Finland [GC], para 66).

> »"It seems that there are similarities with the application of the margin of appreciation in both contexts. The variety of the margin afforded to national authorities refers to certain factors and these factors seem to be analogous in both contexts. The Court refers in the positive obligation context e.g. to the lack of consensus in the Contracting States (Christine Goodwin, para 85). The national authorities, whose duty it is in a democratic society also to consider the interests of society as a whole, should enjoy a wide margin of appreciation (Frette, para 41).

»Illi f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda indħil mill-awtoritajiet rigward id-dritt tal-appellat għal-ħajja privata u tal-familja. Jekk l-appellat evidentement kellu / għandu problemi personali ma' Daphne u Jessica Camilleri tant li dawn it-tnejn qabdu u telqu barra minn Malta u li dan qed iwassal għal-indħil fil-ħajja familjari tiegħu dan ma jfissirx li ta' dan huwa responsabbli l-Kummissarju tal-Pulizija. F'dan il-każ l-awtoritajiet għamlu dak kollu possibbli sabiex tiġi mħarsa il-ħajja familjari u privata tal-persuni involuti bl-għodda li tipprovdi l-liġi.

»Illi l-appellant jirrileva li hawn Malta kwistjonijiet li jirrigwardaw sekwestru internazzjonali ta' tfal huma regolati mhux biss bil-liġi Maltija u *cioè* l-Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta iżda wkoll bil-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, li kienet ġiet iffirmata f'l-Ajja fil-25 ta' Ottubru 1980.

»Il-Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li l-Awtorita Ċentrali li tirċievi applikazzjonijiet dwar sekwestri ta' minuri huwa d-Direttur respons-abbli mill-*welfare*. Din il-liġi tispeċifika wkoll li hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha ġurisdizzjoni tisma u tiddeċiedi applikazzjonijiet magħmula taħt il-Konvenzjoni.

»L-artikolu 6(2) tal-Kap. 410 jgħid is-segwenti:

> »"Meta jiġri li xi ħadd li jkollu interess jew id-Direttur tal-*welfare* jallega li minuri jkun tneħħa b'mod illeċitu fil-kuntest tat-tifsira tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, huwa jista', mingħajr ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra dwar l-istess kwistjoni li tista' leġittament tittieħed, jagħmel applikazzjoni taħt is-subartikolu (1) sabiex jingħata rimedju."

»Fid-dawl ta' dan ir-rimedju ordinarju, l-esponent isaqsi jekk r-rikorrent għamilx din l-applikazzjoni taħt il-Konvenzjoni sabiex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tisma' l-każ tiegħu u tagħti rimedju kif ikkontemplat fil-liġi. Mill-provi prodotti għalkemm il-każ ġie riferut lill-Awtorita Ċentrali però ma jidhirx li saret applikazzjoni sabiex il-qorti tagħti rimedju.

»Naturalment wieħed għandu japprezza li l-pulizija Maltija m'għandha l-ebda setgħa li tmur l-Ingilterra u ġġib lura bil-forza f'Malta bint l-appellat. F'dawn il-każijiet hija fondamentali il-kunsens u ko-operazzjoni mill-awtoritajiet barranin. Dwar dan issir referenza għax-xiehda ta' Joseph Camilleri:

> »"Wara xi żmien ir-rikorrenti Jesmond Camilleri li qed nagħraf preżenti fl-awla reġa' ġie l-uffiċċju tiegħi u qalli li kellu inform-azzjoni li ma taniex is-sors tagħha illi t-tifla tiegħu Jessica kienet qed tattendi xi skola l-Ingilterra. Għalhekk aħna irriattivajna l-applikazzjoni oriġinali li kelna mal-awtoritajiet Ingliżi, l-qorti Ingliża ħarġet *order* biex iffitxu lil Jessica Camilleri fit-territorju Ingliż però fl-aħħar l-istess qorti rrifjutat l-applikazzjoni li kienet inoltrata minn Malta fir-rigward ta' Jessica Camilleri. Mistoqsi jekk nafx x'kienet

ir-raġuni għal dan ir-rifjut mill-qorti Ingliża ngħid illi eżatt ma nafx. B'konsegwenza ta' dan aħna konna sfurzati nwaqfu kollox però infurmajt lir-rikorrenti Jesmond Camilleri illi jekk fil-futur ikollu xi informazzjoni jerġa' jinfurmana biha. Għidtlu wkoll illi l-uniku alternattiva li kellu f'dan l-istadju kien illi jmur jintavola rapport mal-awtoritajiet tal-pulizija f'Malta biex jinfetħu riċerki bħala *missing person* fil-konfront ta' Jessica Camilleri. Mistoqsi jekk kelniex xi kommunikazzjoni mal-pulizija ngħid illi l-Awtorità Ċentrali involuta ma kelliex għalfejn tikkuntatja lill-pulizija. Ninforma lill-qorti li l-Awtorità Ċentrali taħdem b'mod separat mill-pulizija u mhux soltu li jkollna kommunikazzjoni fir-rigward. Jekk ikun sempliċiment *abduction case* nidħlu aħna biss għalkemm ovjament ġieli nsejħu għal għajnuna tal-pulizija speċjalment meta nkunu se ninfurzaw xi ordni tal-qorti ta' Malta."

»Illi minn din ix-xiehda joħroġ fost affarijiet oħra r-rifjut mill-qorti Ingliża u l-parir lir-rikorrenti sabiex jiġi intavolat rapport mal-pulizija f'Malta ta' *missing person* fil-konfront ta' Jessica Camilleri. Dwar jekk sarx xi rapport f'dan is-sens xehed l-Ispettur Joseph Busuttil li qal:

»"Ninforma lill-qorti illi jiena spettur tal-pulizija. Rigward il-persuni involuti fit-tfiċċija, senjatament Daphne Camilleri bin-numru tal-karta tal-identità 0463974M u Jessica Camilleri numru tal-karta tal-identità 0175593M ngħid illi jien iċċekjajt is-sistema tal-Korp tal-Pulizija u ngħid illi dawn qatt ma daħlu fis-sistema tal-Pulizija bħala *missing persons*. Jekk ma jiddaħħalx rapport rigwardanti kwistjoni ta' *missing persons* ma jkunx hemm bżonn ta' investigazzjonijiet ulterjuri la Malta u lanqas Internazzjonalment."

»Illi f'dan ix-xenarju huwa inkonċepibbli kif l-ewwel qorti qed titfa' r-responsabbilità ta' dak kollu li ġara fuq il-kummissarju meta l-appellat stess naqas milli juża r-rimedji li tagħtih il-liġi inkluż jagħmel sempliċi rapport mal-pulizija.

»Illi għalhekk l-appellant qiegħed permezz ta' dan l-aggravju jik-kontesta l-konklużżjoni li waslet għaliha l-qorti li l-appellant kellu jinvolvi lill-*Europol* u lill-*Interpol* u għalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.«

9. L-attur appellat wieġeb hekk:

»Illi sabiex l-ewwel aggravju tal-Kummissarju tal-Pulizija jiġi indirizzat kif xieraq, ikun opportun illi jingħata kont dettaljat tal-fatti kif verament seħħew, u kif, fil-fatt, ikkonermati mill-esponent kemm fir-rikors promotur tiegħu, kif ukoll bil-ġurament tiegħu waqt id-depożizzjonijiet tax-xhieda tiegħu.

»Illi nhar l-1 ta' Lulju tas-sena 2006 l-esponent kien għamel rapport fl-għassa tal-pulizija ta' Ħal Qormi fejn għarraf illi, fil-jum ta' qabel, martu Daphne Camilleri kienet telqet mid-dar mingħajr l-ebda preavviż u ħadet magħha lill-minuri Jessica Camilleri, li tiġi l-wild komuni tal-esponent u l-imsemmija Daphne Camilleri. Il-minuri dak iż-żmien kellha tlettax-il sena. In segwitu ta' dan ir-rapport, l-esponent ipprova kemm-il darba jikkorrispondi mal-Kummissarju tal-Pulizija *tramite* l-legali tiegħu, l-avukat David Camilleri, kopji ta' liema ittri ġew fil-fatt annessi mar-rikors promotur. Minkejja l-isforzi inċessanti eżerċitati min-naħa tal-esponent, baqa' ma ngħata lilu l-ebda ħjiel dwar x'kien

ġara minn martu u minn bintu, li, kif ġà' ingħad, kienet għadha minuri. Minkejja tali silenzju, irriżulta li l-Kummissarju tal-Pulizija effettivament kellu għarfien immedjat ta' x'kien sar mill-minuri Jessica Camilleri, iżda, għal raġunijiet li jafhom huwa biss, għażel illi ma jikkomunikax l-istess mal-esponent. Dan kollu ġie rivelat permezz ta' nota ppreżentata mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja, nhar is-17 ta' Lulju 2006. Kif espost fl-imsemmija nota, kopja ta' liema wkoll kienet annessa mar-rikors promotur, il-kummissarju għarraf illi huwa kien esegwixxa l-indaġini tiegħu b'manjiera immedjata wara li kien daħal ir-rapport tal-esponent, permezz ta' liema rriżulta li Daphne Camilleri u l-minuri Jessica Camilleri kienu telqu 'l barra minn dawn il-Gżejjer fl-1 ta' Lulju 2006, mal-linja tal-ajru *British Airways*.

»Dan kien ifisser, għaldaqstant, illi għal perjodu ta' ħmistax-il ġurnata sħaħ, l-esponent ma ġie mogħti l-ebda informazzjoni dwar x'kien ġara minn bintu. L-informazzjoni leġittimament dovuta lill-esponent ingħatat lilu biss wara illi huwa kien saħansitra mar pass *oltre* u intavola talba għas-separazzjoni personali minn ma' martu, permezz ta' liema proċedura, eventwalment, kien ġie esklussivament afdat bil-kura u l-kustodja ta' bintu Jessica Camilleri.

»*In vista* tal-fatt illi issa kien ġie akkordat il-kura u l-kustodja ta' bintu Jessica Camilleri, u allura kien meqjus bħala l-unika persuna li setgħet tieħu deċiżjonijiet fil-konfront tal-minuri, l-esponent reġa', għal darb'oħra, ressaq it-talbiet tiegħu quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex isiru interventi ħalli tiġi rintraċċata bintu, fejn, din id-darba, kien hemm speċifikatament talba sabiex il-pulizija ta' Malta titlob għall-koperazzjoni tal-*Europol* u l-*Interpol*. Minkejja tali talbiet, mifruxa fuq għadd ta' xhur, baqgħet ma ttieħdet l-ebda azzjoni min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija, riżultat ta' liema, illum, tnax-il sena wara l-għejbien ta' mart u bint l-esponent, Jesmond Camilleri għad m'għandu l-ebda ħjiel dwar fejn bintu, illum ta' eta' maġġorenni, tinsab.

»L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem jistipula kif ġej:

»… … …'

»Kienu diversi d-drabi meta l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem approfondixxiet f'dan l-artikolu, inkluż f'każijiet fejn iċ-ċirkostanzi kienu simili ħafna għal dawk tal-każ odjern.

»Fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Ignaccolo-Zenide *v.* Romanija, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem sostniet illi kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, *stante* l-fatt li l-awtoritajiet Rumeni kienu naqsu milli jeżerċitaw sforzi adegwati u effettivi sabiex jinfurzaw id-dritt tal-applikant għar-ritorn ta' uliedu. Tali mankanza kienet meqjusa bħala ksur tad-dritt għar-rispett lejn il-ħajja tal-familja. Il-qorti partikolarment osservat illi l-awtoritajiet kienu naqsu milli jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw ir-ritorn tal-ulied tal-applikant:

> »"Although measures against children obliging them to re-unite with one or other parent are not desirable in this sensitive area, such action must not be ruled out in the event of non-compliance or unlawful behaviour by the parent with whom the children live.
>
> »"The Court does not agree with the Government's submission that the Turkish authorities did everything that could reasonably be expected of them to enforce the applikcant's right of access to her children. It finds that the fines imposed on the applicant's

former husband were neither effective nor adequate. As to the Government's suggestion that the applicant could have asked the enforcement officers to enter Halil Al's home by force, the Court concludes that the Turkish authorities failed to make adequate and effective efforts to enforce the applicant's access rights to her children and hereby violated her right to respect for her family life, as guaranteed by Article 8.

»"It follows that there has been a violation of Article 8 of the Convention."[1]

»Fuq linji simili kienet id-deċiżjoni Iglesias Gil and A.U.I. *v.* Spanja, mogħtija fid-29 ta' April, 2003, fejn il-qorti sostniet illi kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, osservanti illi kienet ir-responsabilità esklussiva tal-awtoritajiet li jimplimentaw il-miżuri neċessarji, kif stabiliti fil-Konvenzjoni, sabiex jiġi assigurat ir-ritorn tal-minuri għand l-omm:

»"The Court reiterates that, although the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by public authorities, there are in addition, positive obligations inherent in an effective 'respect' for family life. In both contexts, regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certian margin of appreciation.

»"As to the State's obligation to take positive measures, the Court has repeatedly held that Article 8 includes a right for parents to measures that will enable them to be reunited with their children and an obligation to the national authorities to take such measures."

»Id-deċiżjoni fl-ismijiet Maire *v.* Portugal, mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2003, imxiet fuq linji paralleli għal dawk tal-każ odjern, fejn, minkejja li l-applikant kien ġie mogħti mill-qorti l-kura u kustodja tal-minuri li kien ġie mħarrab minn ommu, l-awtoritajiet ġew konklużi li kienu naqsu milli jeżerċitaw sforzi effettivi u adegwati għar-ritorn tal-minuri. Il-qorti saħqet ukoll illi f'dawn it-tip ta' kawżi hija kruċjali r-rapidità tal-implimentazzjoni tal-miżuri neċessarji, u dan *stante* l-fatt li t-trapass taż-żmien jista' biss ikollu konsegwenzi irrimedjabbli għar-relazzjonijiet bejn il-minuri u l-ġenitur li minnu jkun ġie separat. Minkejja l-fatt li l-qorti fehmet li d-diffikultà sabiex il-minuri jiġi misjub kienet attribwita lill-aġir tal-omm, dan ma jnaqqas xejn mir-responsabilità tal-awtoritajiet li jieħdu l-miżuri neċessarji. L-istess linja ta' argumentazzjoni kienet addottata fid-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Lulju, 2015, fl-ismijiet R.S. *v.* Poland (no. 63777/09):

»"J. was finally located by the police only on 14 December 2001, in other words, four years and six months after the request sent by the French Central Authority to the IRS.

»"The Court acknowledges that these difficulties are, as submitted by the Government, essentially due to the mother's behaviour. It stresses however that the appropriate authorities should then have imposed adequate sanctions in respect of the mother's lack of cooperation. Although coervice measures against children are

[1] Din is-silta ma hijiex meħuda minn Ignaccolo-Zenide *v.* Romanija iżda minn Hansen *v.* It-Turkija, rik. 36141/97, 23 ta' Settembru 2003.

> not desirable in this sensitive area, the use of sanctions must not be ruled out in the event of manifestly unlawful behaviour by the parent with whom the children live. Even if the domestic legal order did not allow for the imposition of effective sanctions, the Court considers that each Contracting State must equip itself with an adequate and sufficient legali arsenal to ensure compliance wiht the positive obligations imposed on it by Article 8 of the Convention and the other international agreements it has chosen to ratify.
>
> »"[…] Having regard to the foregoing, and notwithstanding the respondent State's margin of appreciation in the matter, the Court concludes that the Portguese authorities failed to make adequate and effective efforts to enforce the applicant's right to the return of his child and thereby breached his right to respect for his family life as guaranteed by Article 8 of the Convention."

»Illi fir-rigward tal-każ odjern, kif saħqet tajjeb fis-sentenza tagħha l-ewwel onorabbli qorti, ir-relazzjoni tal-esponent Jesmond Camilleri ċertament tinkwadra ruħha fit-tifsira ta' 'ħajja tal-familja' *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u dan *stante* l-fatt li huwa kien akkordat il-kura u l-kustodja tagħha mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz tas-sentenza tagħha datata s-27 ta' Ġunju 2008, … … …

»L-ewwel qorti għamlet ukoll analiżi ddettaljata ta' fiex kellha tik-konsisti l-obbligazzjoni pożittiva a favur tal-appellant, b'mod partikolari meta l-esponent kien irrikorra għall-għajnuna tal-pulizija ta' Malta fejn talab speċifikatament li jkun hemm l-intervent tal-*Interpol* u tal-*Europol*.

»Minn analiżi tad-dokumenti ppreżentati, l-ewwel qorti setgħet faċil-ment tikkonkludi illi, minkejja tali talba, il-pulizija ta' Malta baqgħet ma aġġixxietx, u dan mingħajr ma tat l-ebda raġuni wara l-omissjoni tagħha. Kienet korrettissima l-ewwel qorti, allura, fejn ikkonkludiet "[i]lli konsegwenza ta' din il-mankanza ta' sejħa għall-koperazzjoni internazzjonali kif mitluba mir-rikorrenti, għandu jkun paċifiku li l-intimat allura naqas minn dan l-obbligu pożittiv naxxenti mill-artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif fuq delineat".

»Isegwi, għalhekk, illi huwa totalment skorrett l-intimat meta jittenta jgħid illi l-awtoritajiet għamlu dak kollu possibbli sabiex tiġi mħarsa l-ħajja familjari u privata tal-persuni involuti bl-għodda li tipprovdi l-liġi. Dan *stante* l-fatt li l-pulizija ta' Malta mhux biss naqset milli taġixxi, talli skartat għal kollox il-korrispondenza mibgħuta mill-esponent, tant li din baqgħet qatt ma ġiet risposta.«

10. Din il-qorti tibda billi tosserva illi qiegħed igħid ħażin il-konvenut meta jgħid illi x-xiehda mogħtija mill-ispettur Joseph Busuttil fl-24 ta' Novembru 2016 turi illi ma sar ebda rapport mill-attur lill-pulizija dwar l-għibien ta' martu u bintu.

11. Mix-xiehda fl-atti ħareġ biċ-ċar illi r-rapport kien tassew sar. Dan qalu l-konvenut stess fin-nota li ġiet ippreżentata fis-17 ta' Lulju 2006

fl-atti tal-kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Jesmond Camilleri *v.* Daphne Camilleri li biha l-konvenut stess stqarr hekk:

> »... jinforma lil din l-onorabbli qorti illi fit-2 ta' Lulju 2006 għal ħabta tas-1.00 *p.m.* Jesmond Camilleri għamel rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi li martu Daphne Camilleri u bintu minuri Jessica kienu neqsin mid-dar u li l-aħħar li kkomunika magħhom kien fl-1 ta' Lulju 2006 għal ħabta tas-7.00 *p.m.* qabel ma hu mar għax-xogħol.
>
> »Minn indaġini li għamel l-esponent immedjatament wara li daħal dan ir-rapport irriżultali li Daphne Camilleri u bintu Jessica kienu telqu barra minn Malta fl-1 ta' Lulju 2006 mat-titjira BA 6933 mal-linja tal-ajru *British Airways* fl-9.50 *p.m,* destinazzjoni Londra.«

12. Fit-tweġiba tiegħu għar-rikors tal-attur il-konvenut ukoll ikkonferma li kien sar rapport fl-għassa tal-pulizija ta' Ħal Qormi mill-attur fit-2 ta' Jannar 2006. Hu qal hekk:

> »3. Illi fl-ewwel lok filwaqt li l-esponent jikkonferma mir-rekords tiegħu illi fit-2 ta' Jannar 2006 ir-rikorrent kien għamel rapport ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Ħal Qormi li martu u bintu kienu jinsabu nieqsa mid-dar matrimonjali, jirrileva li l-uffiċjali tal-pulizija kienu immedjatament investigaw dan ir-rapport tant li fi ftit sigħat irnexxielhom jinfurmaw lill-istess rikorrent li martu u bintu kienu *accounted for*.«

13. Fix-xiehda tagħha mogħtija quddiem l-ewwel qorti fil-24 ta' Mejju 2016 l-ispettur Louise Calleja wkoll qalet illi:

> »... ... ... Ġaladarba kien ġie intavolat rapport ta' persuni neqsin dan ir-rapport jiġi konkluż kemm-il darba l-persuni hemm indikati jiġu misjuba. Fil-każ in diżamina l-persuni nstabu u għalhekk ir-rapport ingħalaq … l-informazzjoni dwar bintu u l-mara tiegħu rċevejniha kważi immedjatament wara li ġie ntavolat ir-rapport … «

14. Dan il-fatt ġie wkoll ikkonfermat mill-ispettur Charlotte Curmi meta qalet hekk:

> »... ... ... Rigward ir-rikorrenti ninforma lill-qorti li fit-2 ta' Lulju tal-2006 kien għamel rapport fl-għassa ta' Ħal Qormi fejn kien irraporta lil martu u Daphne Camilleri nippreċiża li martu Daphne Camilleri u bintu Jessica Farrugia ta' tlettax-il sena kienu neqsin. … Aktar tard mal-ġurnata l-ispettur Louise Calleja infurmat l-Għassa ta' Ħal Qorti li dawn iż-żewġ individwi kienu *accounted for* …

> »Meta ngħidu li persuna li kienet preċedentement mitlufa tkun *accounted for* aħna nifhmu fil-lingwaġġ uffiċjali illi l-persuna mitlufa tikkommunika mal-pulizija u turi x-xewqa li ma tgħidx fejn tinsab …«

15. Fid-dawl ta' din ix-xiehda, din il-qorti ma għandha l-ebda dubju li r-rapport kien tassew sar mill-attur lill-pulizija..

16. Ngħaddu issa għall-argument ewlieni li ġie mressaq mill-konvenut f'dan l-ewwel aggravju tiegħu, li essenzjalment huwa illi l-fatt li l-pulizija lokali ma involvietx lil *Europol* u lil *Interpol* fl-investigazzjoni-jiet tagħha minkejja t-talba għalhekk tal-attur ma jwassalx għal ksur tad-dritt fondamentali tal-attur għall-ħarsien tal-ħajja tal-familja.

17. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi r-relazzjoni tal-attur ma' bintu taqa' fit-tifsira ta' "ħajja tal-familja" għall-għanijirt tal-art. 8 tal-Kon-venzjoni: fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm għalhekk ħajja familjari li jistħoqqilha ħarsien, ukoll b'"miżuri positivi". Madankollu ma taqbilx mal-ewwel qorti fejn qalet illi "n-nuqqas tal-intimat li jinvolvi lill-*Interpol* u / jew lill-*Europol* fit-tfittxija ta' mart u bint ir-rikorrenti jikkostitwixxi leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għall-ħajja tal-familja *stante* li dan hu ekwivalenti għal nuqqas daparti tal-intimat milli jieħu dawk il-'miżuri pożittivi' li hu kien obbligat jieħu biex jittutela u jiżgura dan id-dritt tar-rikorrenti kif sanċit fl-artiklu 8 in diżamina".

18. L-obbligu immedjat tal-konvenut hekk kif sar rapport li mart u bint l-attur kienu neqsin kien li jara kinux f'perikolu u, f'dak il-każ, jara li ma ssirilhom ebda ħsara. Il-mezzi li nqeda bihom għal dan il-għan il-konvenut kienu effettivi, tant li ftit sigħat biss wara seta' jgħid illi

kienu "*accounted for*". Din il-qorti ma tarax li huwa kompitu tagħha li tindaħal fid-diskrezzjoni tal-konvenut biex tgħid b'liema mezzi kellu jinqeda. Imbagħad, il-miżuri pożitivi għall-ħarsien tad-dritt tal-konvenut huma obbligu tal-istat, li mhux bilfors u neċessarjament iwettaq dak l-obbligu permezz tal-konvenut. L-istat wettaq dan l-obbligu fil-qafas tal-ko-operazzjoni internazzjonali fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u t-twaqqif tal-Awtorità Ċentrali taħt il-Kap. 410 li ħadet sehem attiv fl-interess tal-attur.

19. Barra minn hekk, *Interpol* u *Europol* huma organizzazzjonijiet internazzjonali tal-pulizija b'setgħat u funzjonijiet fil-qasam ta' investigazzjoni u trażżin ta' attività kriminali. Għalkemm l-art. 3 tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri jgħid illi "r-rimozzjoni jew ir-ritenzjoni ta' minuri għandhom jitqiesu bħala illeċiti" f'ċerti ċirkostanzi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ma tqisux attivitajiet kriminali[2], aktar u aktar meta tqis illi l-kura u kustodja tal-minuri ngħatat lill-attur f'Ġunju tal-2008, wara li seħħet ir-rimozzjoni tal-minuri f'Lulju tal-2006, u lanqas l-attur stess ma jallega li seħħ xi reat kriminali. Għalhekk rikors lejn *Interpol* jew *Europol* mhux bilfors kien ikun pass xieraq min-naħa tal-konvenut: aktar kien indikat il-pass li fil-fatt ittieħed mill-Awtorità Ċentrali, *viz.* rikors lejn l-awtoritajiet analogi ta' pajjiżi oħra.

---

2 Ara *e.g.* Joseph Briffa *v.* Kummissarju tal-Pulizija, Kost. 14 ta' Ġunju 1995.

20. Għal dawn irraġunijiet u fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ din il-qorti ma tarax li tista' ssib li kien hemm ksur tal-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea bil-fatt illi l-konvenut appellant naqas milli jfittex l-għajnuna ta' *Interpol* u ta' *Europol* għalkemm kien espressament mitlub sabiex jagħmel dan.

21. L-ewwel aggravju tal-konvenut appellant għalhekk għandu jintlaqa'. Dan huwa biżżejjed biex jintlaqa' l-appell tal-konvenut, ukoll dwar il-kumpens u dwar l-ispejjeż ġudizzjarji.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell tal-konvenut u tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha f'dawk il-partijiet fejn l-ewwel qorti sabet li kien hemm ksur tad-dritt fondamentali tal-attur imħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, fejn ordnat lill-konvenut appellant iħallas lill-attur ħmistax-il elf euro (€15,000) bħala kumpens, u fejn ikkundannat lill-konvenut iħallas sehem mill-ispejjeż. u, minflok, tiċħad it-talbiet relativi tal-attur; tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

23. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Agent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr